III

(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2009/820/PESK

tat-23 ta' Ottubru 2009

dwar il-konklużjoni f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ftehim dwar l-għajnuna legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 24 u 38 tiegħu,

Billi:

(1) B'segwitu tal-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill lill-Presidenza fis-26 ta' April 2002, bl-assistenza tal-Kummissjoni, biex tidħol f'negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika, ġew negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika żewġ Ftehimiet dwar il-koperazzjoni internazzjonali f'materji kriminali, wieħed dwar l-estradizzjoni u wieħed dwar l-assistenza legali reċiproka.

(2) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/516/KE tas-6 ta' Ġunju 2003 ([1]), il-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika ([2]) u l-Ftehim dwar l-għajnuna legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika ([3]) ġew iffirmati f'isem l-Unjoni Ewropea fil-25 ta' Ġunju 2003.

(3) Il-Ftehimiet issa għandhom jiġu approvati.

(4) Il-Ftehimiet jipprevedu fl-Artikolu 3(2) tagħhom li jridu jiġu skambjati strumenti bil-miktub bejn l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Istati Membri tal-Unjoni dwar l-applikazzjoni ta' trattati bilaterali. L-Artikolu 3(3) tal-Ftehim dwar l-għajnuna legali reċiproka jipprovdi obbligu simili għal dawk l-Istati Membri li m'għandhomx trattat ta' għajnuna legali reċiproka mal-Istati Uniti. Dawn l-istrumenti bil-miktub ġew skambjati bejn l-Istati Membri kollha u l-Istati Uniti tal-Amerika.

(5) Fid-19 ta' Frar 2009 s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill innotifika lill-Istati Uniti tal-Amerika bid-desinjazzjonijiet skont l-Artikoli 2(3) u 10(2) tal-Ftehim dwar l-estradizzjoni u skont l-Artikoli 4(3) u 8(2)(b) tal-Ftehim dwar l-għajnuna legali reċiproka, kif ukoll bil-limitazzjonijiet invokati taħt l-Artikolu 4(4) tal-Ftehim dwar l-għajnuna legali reċiproka,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika u l-Ftehim dwar l-għajnuna legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika huma b'dan approvati f'isem l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar il-persuna bis-setgħa, f'isem l-Unjoni Ewropea, li tiskambja l-istrumenti ta' approvazzjoni previsti fl-Artikolu 22 tal-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika u fl-Artikolu 18 tal-Ftehim dwar l-għajnuna legali reċiproka bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika, sabiex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([1]) ĠU L 181, 19.7.2003, p. 25.
([2]) ĠU L 181, 19.7.2003, p. 27.
([3]) ĠU L 181, 19.7.2003, p. 34.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ottubru 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
T. BILLSTRÖM